# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1686/2021 (AD)**

## MARIA LOURDES CUTAJAR (KI 426575M)

**VS**

## IL-KUMMISSJONI GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU U S-SEGRETARJU PERMANENTI FIL-MINISTERU TAS-SAĦĦA

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Maria Lourdes Cutajar datat tnax (12) ta' Novembru 2021, risposta tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku datata dsatax (19) ta' Novembru 2021, u risposta tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa datata tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2021, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, ir-rikorrenti Maria Lourdes Cutajar talbet lil din il-Qorti sabiex tordna illi l-intimati jinżammu milli jkomplu bil-proċess tal-ħatra ta', u/jew jaħtru, *Chief Midwifery Manager* fi ħdan l-Isptar Mater Dei fir-responsabilita' tal-Ministeru għas-Saħħa, in segwitu għas-sejħa magħmula fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2021, u dan sakemm ir-rikorrenti tikkontesta d-deċiżjoni/jiet meħuda mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku relattivament għal din is-sejħa u senjatament u prinċipalment id-deċiżjoni illi r-rikorrenti ma kinitx eliġibbli għal tali ħatra skont is-sejħa, liema deċiżjoni r-rikorrenti qiegħda tikkontesta bħala waħda legalment u fattwalment infondata u mhux korretta;

3. B'digriet mogħti nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2021 stess, il-Qorti laqgħet provviżorjament il-mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12, u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata fid-dsatax (19) ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wieġbet għar-rikors tar-rikorrenti billi opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern, u dan għal diversi raġunijiet fosthom illi t-talba tar-rikorrenti hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u li ma jissussistux l-elementi meħtieġa sabiex tintlaqa' l-istess talba;

5. Permezz ta' risposta preżentata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2021, Joseph Rapa, fil-kapaċita' tiegħu ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, oppona għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern, u dan għaliex ir-rikorrenti ma tissodisfax l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif stipulati mill-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021;

**Fatti tal-Każ**

7. Jirriżulta mill-atti u dokumenti preżentati illi nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2021, ħarġet sejħa għal applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Chief Midwifery Manager* fl-Isptar Mater Dei fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa[1] illi għaliha applikat ir-rikorrenti u persuna oħra;

8. Meta applikat għal din il-pożizzjoni, ir-rikorrenti kienet: (a) ġiet informata permezz t'ittra datata tletin (30) t'April 2021 illi kienet inħatret bħala *Officer in Grade 6* b'effett mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2019, u (b) ġiet informata permezz t'ittra datata tnax (12) ta' Mejju 2021 illi kienet inħatret bħala *Charge Midwife (Salary Scale 6)* b'effett mill-ewwel (1) ta' Frar 2021, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena mill-istess data[2];

9. Fost il-kriterji t'eliġibilta' indikati fid-dokument tas-sejħa, kien hemm tliet kriterji, u cioe: l-kriterju fi klawsola 4.1 illi kien jgħid illi, *"By the closing time and date of this call for applications, applicants must be Public Officers in the Malta Public Service on loan/detailed with/deployed with/on attachment to Public Sector organisations,* ***who must be confirmed in their current appointment*** *and are Midwives (depending on the applicable career stream) who are not below the grade of Charge Midwife and who are in possession of an appropriate postgraduate Masters' degree [...]"*, u l-kriterju fi klawsola 4.3 illi kien jgħid, *"Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the Class/Stream of their immediate previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications."* Ir-rikorrenti ssostni illi hija applikat a bażi tal-kriterju t'eliġibilta' taħt klawsola 4.3;

---

[1] Il-Qorti tinnota illi għalkemm ġew esebiti żewġ dokumenti illi juru sejħa għal din il-pożizzjoni, u cioe **Dok A** anness mar-rikors tar-rikorrenti u **Dok PSC1** anness mar-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, id-dokument esebit mir-rikorrenti huwa datat 26 ta' Frar 2021, filwaqt illi d-dokument esebit mill-Kummissjoni huwa datat 21 ta' Mejju 2021. Peress illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-Kummissjoni jagħmlu referenza għas-sejħa illi nħarġet nhar il-21 ta' Mejju 2021, **il-Qorti sejra tirreferi għal Dok PSC1 bħala d-dokument ta' sejħa korrett, u sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' Dok A esebit mir-rikorrenti**.

[2] Vide **Dok D** a fol 14, anness mar-rikors odjern.

10. Skont ir-*result sheet* maħruġa nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2021, irriżulta illi r-rikorrenti kienet ikklassifikat fl-ewwel post[3]. Il-persuna illi ġiet klassifikata fit-tieni post ressqet petizzjoni quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rigward ir-riżultat pubblikat;

11. Eventwalment, nhar is-sbatax (17) ta' Settembru 2021, ir-rikorrenti ġiet informata mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku illi, wara stħarriġ tal-Kummissjoni fil-proċess ta' selezzjoni, ir-rikorrenti kienet instabet mhux eliġibbli għall-pożizzjoni illi għaliha kienet applikat: *"Please note that since you currently hold the grade of Charge Midwife, you do not satisfy the eligibility requirement set out in Clause 4.1 of the call for applications which states that applicants "must be confirmed in their current appointment"."*[4] Permezz t'*e-mail* spedita tramite l-Avukat tagħha lill-Kummissjoni fit-terminu stabbilit mil-liġi, ir-rikorrenti kkontestat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u, sussegwentement, ġiet informata permezz t'*e-mail* datata ħdax (11) ta' Novembru 2021 illi, *"On the basis that Ms Maria Lourdes Cutajar, ID No 426575M was not yet confirmed in her current appointment as Charge Midwife, as required in terms of clause 4.1 of the call for applications, the Commission considered that she was therefore ab initio ineligible to apply for the post in caption. After due deliberation, the Commission has approved the disqualification of Ms Maria Lourdes Cutajar, from the selection process for the post of Chief Midwifery Manager in terms of Regulation 20(1)(b) of the Public Service Commission Appointments Regulations."*[5];

**It-Talba tar-Rikorrenti**

12. Bir-rikors odjern, ir-rikorrenti qiegħda tikkontendi illi filwaqt illi hija taqbel illi ma kinitx eliġibbli illi tapplika taħt il-kriterju fil-klawsola 4.1 tad-dokument tas-sejħa, hija kienet eliġibbli taħt il-kriterju fil-kwalsola 4.3, u dan stante illi

[3] Vide **Dok B** a fol 10, anness mar-rikors odjern.
[4] Vide l-*e-mail* tal-Avukat Dr  Chris Cilia datata 30 ta' Settembru 2021, annessa mar-rikors odjern bħala **Dok C**, a fol 12 *et seq*
[5] Vide l-*e-mail* datata 11 ta' Novembru 2021 anness mar-rikors odjern bħala **Dok C.**

hija *Officer in Grade 6*. Għaldaqstant, hija qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex, sakemm ir-rikorrenti tikkontesta d-deċiżjoni/jiet meħuda mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku relattivament għal din is-sejħa, l-intimati jinżammu milli jkomplu bil-proċess tal-ħatra ta', u/jew jaħtru, *Chief Midwifery Manager* fi ħdan l-Isptar Mater Dei in segwitu għas-sejħa magħmula fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2021;

**Ir-Risposta tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**

13. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssottomettiet illi l-proċess ta' ħatriet fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa huwa delegat ai termini tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li r-rwol tal-Kummissjoni meta l-proċess t'għażla jkun hekk delegat huwa biss ta' regolatur; il-ħatra nnifisha ssir biss mill-Ministeru, u mhux mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, ir-rekwiżit legali riżultanti mill-Artikolu 873(3), u cioe illi l-Kummissjoni tiddikjara fil-Qorti bil-miftuħ illi l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma milli tagħmel tkun fil-fatt maħsuba li ssir, ma jissussistix, stante illi l-Kummissjoni m'għandha l-ebda ġurisdizzjoni li tagħti l-ħatra lil xi ħadd, u konsegwentement mhix sejra tkun qed twettaq dak li r-rikorrenti qiegħda tittanta twaqqaf bil-ħruġ tal-mandat in kwestjoni;

14. In oltre, f'dak illi jirrigwarda r-rekwiżiti legali l-oħra sabiex ikun jista' jinħareġ mandat t'inibizzjoni, il-Kummissjoni saħqet illi:

    a. Minkejja l-fatt li r-rikorrenti kienet waħda mill-kandidati illi applikaw għas-sejħa, dan ma kien jagħtiha l-ebda dritt awtomatiku għall-għażla sabiex timla' l-pożizzjoni. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kellha biss il-jedd li tipparteċipa, liema jedd effettivament hija eżerċitatu, u, mad-daqqa t'għajn, jidher illi l-proċess tmexxa kif imiss;

    b. Huwa ċar illi l-ħsara li r-rikorrenti tista' ssofri huwa se mai dannu pekunjarju minħabba telf ta' qliegħ, liema sitwazzjoni tista' tiġi rimedjata billi tinfetaħ kawża ċivili għal riżarċiment tad-danni.

Għaldaqstant il-preġudizzju illi sejra ssofri r-rikorrenti ma jistax jitqies bħala wieħed irrimedjabbli;

c. Meta wieħed iqis il-preġudizzju li tista' ġġarrab ir-rikorrenti li kieku kellu jiġi finalizzat il-proċess tal-għażla ma' dak li jista' jseħħ li kieku t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tintlaqa', il-preġudizzju li ser isofri l-Gvern huwa bil-wisq akbar minn dak li potenzjalment tista' ġġarrab ir-rikorrenti, stante illi l-kariga ta' *Chief Midwifery Manager* hija rwol maniġerjali li tipprovdi tmexxija u direzzjoni lit-tim li tkun responsabbli għalih, u l-operat tal-Ministeru jkun preġudikat immens min-nuqqas ta' tali ħatra.

**Ir-Risposta tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa**

15. Mill-banda l-oħra, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa oppona għat-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern għas-segwenti raġunijiet:

a. Id-dritt *prima facie* ma ġiex sodisfaċentement pruvat mir-rikorrenti stante illi ma ressqet ebda prova illi hija għadha żżomm il-kariga ta' *Officer in Grade 6* u li hija għaldaqstant eliġibbli taħt il-klawsola 4.3;

b. Il-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma mhux fil-fatt maħsuba li ser issir;

c. L-element tal-proporzjonalita' ma jinsabx sodisfatt, għaliex jekk jintlaqa' dan ir-rikors, ser ikun id-dipartiment tas-saħħa ikkonċernat u s-servizz tas-saħħa pubbliku li ser isofru l-ikbar preġudizzju, u mhux ir-rikorrenti.

**Il-Qorti**

16. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

17. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

19. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

20. Peress illi l-mandat odjern ġie intavolat kontra l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, għandu japplika wkoll għall-każ in eżami dak stabbilit fis-sub-inċiż tlieta (3) tal-Art 873, u cioe:

> *Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

21. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta (3) huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni in ġenerali:

   a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

   b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

   c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimati jiġu inibiti milli jagħmlu, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

22. In oltre, f'talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, jeħtieġ illi jiġu sodisfatti żewġ elementi oħra:

   a. Dikjarazzjoni illi l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;

   b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrent ser ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-għemil illi r-rikorrent ikun qiegħed jipprova jżomm milli sseħħ.

23. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[6]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn.*

---

[6] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

*Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

24. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[7]:

*Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

[7] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

25. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[8]:

> *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

26. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrent, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

27. Minkejja l-fatt illi fil-każ ta' mandat t'inibizzjoni in ġenerali ġurisprudenza kostanti tgħallem illi l-preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddjiet tar-rikorrent għandu jkun wieħed irrimedjabbli, dan mhux il-każ f'mandat t'inibizzjoni mitlub kontra l-Gvern jew awtorita' pubblika mwaqqfa mill-Kostituzzjoni, jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha. Difatti, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Vitus Chibuihe Ohanebo et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija bħala Principal Immigration Officer***:

> *Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-*

[8] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

*mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun* ***sproporzjonat****. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;*[9] (emfasi miżjuda)

28. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana, fosthom mid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Sultana vs Sultana*** suċitat, illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[10]

29. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

## A. L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi r-Rikorrenti għandha jedd *prima facie*

[9] Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef. Ara wkoll ***Noureddin Guma Hamid vs Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni***, Mandat Nru 860/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 19 ta' Ġunju 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; ***Kevin Micallef vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, Mandat Nru 1731/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 24 ta' Novembru 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; u ***Geoffrey Azzopardi et vs Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 121/2021/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 23 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

[10] Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et,*** Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

30. Il-Qorti tibda billi tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

(a) Skont l-ittra datata għoxrin (20) ta' Novembru 2017 (fuq in-naħa ta' wara ta' fol 28), ir-rikorrenti ġiet maħtura *Deputy Charge Midwife* fi Skala 8, u dan b'seħħ mis-sitta (6) t'Ottubru 2017, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena b'seħħ mis-sebgħa (7) ta' Novembru 2017. F'din l-ittra ġie wkoll indikat lir-rikorrenti illi, *"Matul iż-żmien ta' prova inti tkun meqjusa bħala ttrasferita mill-post ta' Senior Midwife"*;

(b) Skont il-klawsola 3.i tal-*Memorandum of Understanding* bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Malta Union of Midwives and Nurses* (**Dok F** a fol 18), *"As from 1st January 2018, all Deputy Charge Midwives (Scale 8) who are serving officers on the signing of this agreement shall progress to Salary Scale 7 but will retain the nomenclature of Deputy Charge Midwife on a personal basis"*;

(c) Skont l-ittra datata tletin (30) t'April 2021 (**Dok D** a fol 14), ir-rikorrenti ġiet maħtura *Officer in Grade 6*, u dan b'seħħ mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2019. F'din l-ittra ġie wkoll indikat lir-rikorrenti illi, *"Matul iż-żmien ta' prova inti tkun meqjusa bħala ttrasferita mill-post ta' Deputy Charge Midwife"*;

(d) Skont l-ittra datata tnax (12) ta' Mejju 2021 (fuq in-naħa ta' wara ta' fol 14), ir-rikorrenti ġiet maħtura *Charge Midwife* fi Skala 6, b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Frar 2021, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Frar 2021. F'din l-ittra ġie wkoll indikat lir-rikorrenti illi, *"Matul iż-żmien ta' prova inti tkun meqjusa bħala trasferita mill-post ta' Deputy Charge Midwife"*;

(e) Mill-*payslips* illi ppreżentat ir-rikorrenti (**Dok E** a fol 15 *et seq*), jidher illi sal-għoxrin (20) ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti kienet għadha indikata bħala *Deputy Charge Midwife*, iżda mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2021 'il quddiem, ġiet indikata bħala *Officer in Grade 6*, u mhux bħala *Charge Midwife*. Dan minkejja illi kien għadu għaddej is-sena ta' prova tagħha fil-post ta' *Charge Midwife*;

(f) Skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku komunikata lil-legali tar-rikorrenti nhar il-ħdax (11) ta' Novembru 2021 (vide **Dok C** a fol 11), ir-rikorrenti ġiet meqjusa ineliġibbli illi tapplika għall-pożizzjoni ta' *Chief Midwifery Manager* stante illi ma kinitx tilħaq ir-rekwiżiti ai termini tal-klawsola numru 4.1 tad-dokument tas-sejħa;

31. **<u>Il-Qorti bl-ebda mod ma trid illi tiġi interpretata illi qiegħda tgħaddi xi tip ta' ġudizzju dwar id-deċiżjoni li ngħatat mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, jew dwar il-grad tar-rikorrenti matul il-perjodu ta' prova bħala *Charge Midwife*</u>**; iżda, madanakollu, il-Qorti, fi proċeduri bħal dawk odjerni, għandha l-obbligu illi tifli d-dokumenti miġjuba quddiema, u illi tara jekk, minn tali dokumenti, hix kapaċi tirriskontra jedd *prima facie* illi għandu jiġi kawtelat;

32. Minn eżami tad-dokumenti miġjuba quddiemha, kif osservat aktar 'il fuq, il-Qorti qed tasal tikkonkludi illi r-rikorrenti <u>għandha jedd *prima facie* x'tikkawtela</u>. Minn dak illi setgħet tindaga din il-Qorti fil-mansjoni limitata tagħha, il-Qorti qed tirriskontra sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti kienet qed tiġi meqjusa bħala *Officer in Grade 6* fil-perjodu illi fih applikat għal *Chief Midwifery Manager*, u cioe pożizzjoni fl-istess grad ta' *Chief Midwifery Manager* ai termini tal-klawsola 4.3 fid-dokument tas-sejħa, u kienet ilha hekk konsiderata sa mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2019. Madanakollu, għalkemm inizjalment meqjusa eliġibbli, ir-rikorrenti ġiet konsegwentement meqjusa ineliġibbli *ab initio* għaliex ma kinitx tissodisfa l-kriterji ai termini tal-klawsola 4.1 tad-dokument tas-sejħa. **<u>Imkien</u>**, iżda, fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, komunikata lil-legali tar-rikorrenti permezz t'e-mail, ma ġiet indirizzata l-eliġibilita' o meno tar-rikorrenti ai termini tal-klawsola 4.3 fid-dokument tas-sejħa;

33. Il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti għandha kull dritt illi tkun taf ir-raġuni għalfejn hija ma setgħetx tiġi kkunsidrata eliġibbli għall-pożizzjoni ta' *Chief Midwifery Manager* ai termini tal-klawsola 4.3, stante illi, mad-daqqa t'għajn, jidhrilha illi r-rikorrenti kienet tissodisfa l-kriterji taħt din il-klawsola bħala *Officer in Grade 6*;

34. Għaldaqstant, din il-Qorti hija sodisfatta illi r-rikorrenti għandha jedd, fuq bażi *prima facie*, illi tindaga sewwasew jekk hi kinitx eliġibbli għall-pożizzjoni jew le ai termini tal-klawsola numru 4.3 tad-dokument tas-sejħa, u konsegwentement tiddikjara illi **ġie sodisfaċentement pruvat l-ewwel rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni**.

**B. It-Tieni u r-Raba' Rekwiżiti: Il-Mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrenti, u Dikjarazzjoni li l-ħaġa li r-Rikorrenti tkun qed titlob illi tiġi miżmuma tkun effettivament sejra ssir**

35. Il-Qorti sejra tikkonsidra dawn iż-żewġ rekwiżiti taħt kappa waħda, stante illi hija tal-fehma illi, fil-każ odjern, jimmeritaw indaġini waħda;

36. Il-Qorti tinnota, primarjament, illi l-unika rimedju illi fadlilha għad-disposizzjoni tagħha r-rikorrenti huwa illi titlob indaġini tal-Qorti fil-proċess tal-għażla tal-kandidata idonea sabiex timla l-pożizzjoni ta' *Chief Midwifery Manager*, u dan peress illi r-rikorrenti ma ngħatatx informazzjoni dwar jekk effettivament kinitx eliġibbli illi tapplika ai termini tal-klawsola 4.3 tad-dokument tas-sejħa. Jirriżulta mid-dokumenti esebiti illi r-rikorrenti diġa eżawrixxiet ir-rimedji kollha għad-disposizzjoni tagħha fil-proċess għall-ħatra (senjatament il-proċedura quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kif stabbilita fil-L.S. Kost.05), liema rimedji jidher illi naqsu milli jindirizzaw l-ilmenti tagħha, u, għalhekk, l-uniku rimedju illi fadlilha r-rikorrenti hija illi tirrikorri quddiem il-Qorti;

37. In oltre, sakemm tiġi deċiża l-kawża apposita fil-mertu, hekk kif iddikjara l-Avukat Dr Andrew Grima għall-intimat Segretarju Permanenti fis-seduta quddiem din il-Qorti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021, fil-każ illi l-mandat odjern ma jintlaqax, il-Ministeru għas-Saħħa ser jipproċedi bil-ħatra tal-kandidata l-oħra bħala *Chief Midwifery Manager*, u dan minkejja

illi jkun għad m'hemm l-ebda deċiżjoni illi definittivament teskludi lir-rikorrenti mill-kariga in kwestjoni;

38. Mill-banda l-oħra, iżda, il-Qorti tinnota illi, għalkemm il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, ai termini tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (L.S. Kost.05), għandha rwol x'tilgħab fil-ħatra ta' uffiċċjali pubbliċi, dan ir-rwol huwa biss ta' forma ta' regolatur, kif sostniet tajjeb il-Kummissjoni stess fir-risposta tagħha. Difatti, skont il-L.S. Kost.05, huwa l-Kap ta' Dipartiment illi jippubblika sejħa għal applikazzjonijiet, u huwa l-Bord tal-Għażla maħtur mis-Segretarju Permanenti illi *"għandu jkun responsabbli għall-istadji kollha tal-proċess tal-għażla"*. Xogħol il-Kummissjoni huwa biss illi tara illi l-proċess ta' sejħa u għażla jkun wieħed li jikkonforma mal-proċedura stabbilita mil-liġi. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kellha raġun illi jsostni illi l-Kummissjoni mhix ser tkun qiegħda twettaq dak li r-rikorrenti qiegħda tipprova twaqqaf bil-ħruġ tal-mandat in kwestjoni, stante illi, effettivament, dan ma jaqax taħt il-mansjoni tal-Kummissjoni, iżda taħt id-Dipartiment jew Ministeru relattiv, f'dan il-każ is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa;

39. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti <u>tinsab sodisfatta</u> illi dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jiġi kawtelat id-dritt tar-rikorrenti illi titlob indaġini fil-proċess tal-ħatra għall-pożizzjoni ta' *Chief Midwifery Manager*, stante illi, fil-każ illi l-mandat odjern ma jintlaqax: (a) ir-rikorrenti m'għad fadlilha l-ebda rimedju ieħor illi jista' jindirizza l-ilmenti tagħha; u (b) il-pożizzjoni ta' *Chief Midwifery Manager* ser timtela mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, u, fl-eventwalita' t'eżitu favur tagħha fil-kawża fil-mertu, ir-rikorrenti ma jkollha l-ebda mod kif tgawdi l-pożizzjoni illi minnha jirriżulta illi tkun ġiet inġustament imċaħħda;

40. Madanakollu, il-Qorti <u>mhix sodisfatta</u> illi dan il-mandat għandu jintlaqa' fil-konfront tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, stante illi jissussisti nieqes ir-raba' rekwiżit, u cioe d-dikjarazzjoni tal-istess Kummissjoni illi l-fatt illi qed tittanta twaqqaf ir-rikorrenti ser isir minnha fil-każ illi ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern;

41. Għaldaqstant, in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern huwa l-unika mezz illi permezz tiegħu r-rikorrenti tista' taċċerta ruħha illi d-drittijiet *prima facie* tagħha ser jiġu kawtelati, il-**<u>Qorti tikkonsidra illi ġie sodisfaċentement pruvat it-tieni rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat odjern</u>**;

42. In oltre, in konsiderazzjoni tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Avukat Dr Andrew Grima għan-nom tas-Segretarju Permanenti waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 kif verbalizzata, **<u>il-Qorti tikkonsidra wkoll illi jissussisti r-raba' rekwiżit rikjest għall-ħruġ tal-mandat odjern in kwantu jirrigwarda s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa</u>;**

43. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tiddikjara illi **<u>ma jissussistix ir-raba' rekwiżit rikjest għall-ħruġ tal-mandat odjern in kwantu jirrigwarda l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku</u>**.

## <u>C. It-Tielet u l-Ħames Rekwiżiti: Dak li r-Rikorrenti qed titlob illi l-Intimati jiġu inibiti milli jagħmlu jaf jikkawżalha preġudizzju illi jkun sproporzjonat meta mqabbel mal-għemil li hija qed tipprova jżomm milli jseħħ</u>

44. Fil-każ odjern hemm fuq naħa waħda r-rikorrenti, illi, fil-każ illi ma tintlaqax it-talba tagħha, sejra potenzjalment titlef pożizzjoni illi jaf, wara kawża fil-mertu, jirriżulta illi kellu jingħata lilha sa mill-bidu, u, fuq in-naħa l-oħra, il-potenzjalita' illi l-pożizzjoni ta' *Chief Midwifery Manager* tibqa' vakanti sakemm ir-rikorrenti tingħata l-possibilta' illi tikkontesta l-proċess tal-għażla quddiem il-Qorti;

45. Il-Qorti qieset tajjeb is-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, u, wara li fliet tajjeb ir-risposti tagħhom, tasal tikkonkludi illi għalkemm huwa minnu illi l-pożizzjoni in kwestjoni hija waħda maniġerjali, illi tipprovdi tmexxija u direzzjoni lit-tim li tkun responsabbli għalih, u li għalkemm huwa minnu illi

idealment din il-pożizzjoni għandha timtela mill-inqas fis sabiex jiġi aċċertat illi x-xogħol f'dan is-settur tas-saħħa jibqa' għaddej bla xkiel, il-preġudizzju illi ssofri r-rikorrenti fil-każ illi ma jintlaqax il-mandat huwa ferm ikbar minn dak illi jsofri il-Ministeru fil-każ illi jintlaqa' l-mandat odjern. Il-pożizzjoni in kwestjoni hija pożizzjoni waħda f'tim sħiħ ta' *Senior Nursing u Midwifery Managers*, u, għalkemm il-Qorti tifhem illi kull pożizzjoni u kull persuna fil-qasam tas-settur pubbliku, b'mod partikolari fis-settur tas-saħħa, hija importanti, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fatt illi fil-każ illi l-post jibqa' vakanti sakemm tiġi deċiża l-kawża fil-mertu, id-Dipartiment jista' xorta waħda jibqa' jiffunzjona b'mod relattivament normali;

46. Mill-banda l-oħra, mhux l-istess jista' jingħad għall-preġudizzju illi ssofri r-rikorrenti fil-każ illi t-talba tagħha ma tiġix milqugħa. Il-Qorti tinnota illi l-Kummissjoni, fir-risposta tagħha, issostni illi l-preġudizzju illi ssofri r-rikorrenti jista' jiġi faċilment rimedjat billi tinfetaħ kawża ċivili għal riżarċiment ta' danni, u, sabiex tissostanzja l-argument tagħha, il-Kummissjoni tagħmel referenza għad-digrieti mogħtija fl-ismijiet ***D'Amato vs Micallef et*** u ***Barbara et vs Barbara***[11]. Il-Qorti, iżda, ma taqbilx ma' dak sottomess mill-Kummissjoni. L-ewwelnett, il-Qorti tirrileva illi dawn iż-żewġ digrieti kienu jirrigwardaw sitwazzjoni fejn rimedju pekunjarju seta' jitqies bħala rimedju adegwat, stante illi, fl-agħar ipotesi, dak illi kienu se jarrekaw ir-rikorrenti f'kull każ rispettiv kien preġudizzju finanzjarju. Il-każ odjern, iżda, si tratta preġudizzju illi jmur oltre minn dak illi huwa finanzjarju. Fl-ewwel lok, fil-każ ta' sentenza b'eżitu favoriha, fin-nuqqas illi tintlaqa' t-talba odjerna, ir-rikorrenti tkun tilfet pożizzjoni illi ilha tistinka u taħdem għaliha żmien twil, mingħajr garanzija illi xi darba sejra terġa' tingħata l-opportunita' illi jkollha din il-kariga. In oltre, u fit-tieni lok, ir-rikorrenti tkun tilfet il-benefiċċji kollha illi din il-kariga ġġib magħha, inkluż, iżda mhux biss, dawk finanzjarji;

47. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi **<u>t-tielet u l-ħames rekwiżiti ġew sodisfaċentement pruvati</u>**.

[11] Vide para 29 tar-risposta.

**Decide**

48. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tikkonferma** parzjalment d-digriet tagħha tat-tnax (12) ta' Novembru 2021 in kwantu jirrigwarda s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa;

ii. Konsegwentement **tilqa' t-talba kif dedotta** għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni fil-konfront tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, u dan peress illi l-Qorti hija sodisfatta illi jissussistu r-rekwiżiti kollha neċessarji għall-ħruġ tal-mandat odjern fil-konfront tiegħu;

iii. **Tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-tnax (12) ta' Novembru 2021 parzjalment, u cioe in kwantu dan id-digriet jirrigwarda l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku; u

iv. Konsegwentement **tiċħad it-talba kif dedotta** għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u dan peress illi l-Qorti tqis illi l-Kummissjoni m'għandhiex il-kompetenza illi teffettwa l-ħatra illi r-rikorrenti qiegħda titlob illi l-intimati jinżammu milli jagħmlu, ai termini tal-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, 3 ta' Diċembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**